**Ruling mogħti minn Mr Speaker fis-Seduta Nru. 113 tat-28 ta' Jannar 2014, fuq talba tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra fil-laqgħa 14 tas-27 ta' Jannar 2014.**

Fil-laqgħa tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tal-bieraħ 27 ta' Jannar 2014, l-Onor. Mario De Marco talab ruling għan-nom tal-Oppożizzjoni wara d-dibattitu li seħħ fis-seduta tal-bieraħ u dak tal-15 ta' Jannar 2014 wara li l-partijiet ottjenew il-pariri legali dwar il-pożizzjoni tal-mozzjoni li kienet ġiet ippreżentata fil-11-il leġiżlatura mill-Prim Ministru ta' dak iż-żmien l-Onor. Lawrence Gonzi fil-15 ta' Diċembru 2012 lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati l-Onor. Michael Frendo. Dakinhar din il-mozzjoni għall-għemil ta' indirizz lill-President ta' Malta skont artikolu 97 tal-Kostituzzjoni kienet ġiet riferita lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja.

Fil-laqgħa tal-Kumitat tax-Xogħol tal-Kamra tqajjem il-punt dwar jekk din il-mozzjoni li kienet ġiet ippreżentata fil-leġiżlatura preċedenti tistax tiġi diskussa matul il-leġiżlatura preżenti wara l-elezzjoni ġenerali ta' Marzu 2013. Il-kwestjoni dwar jekk din il-mozzjoni għadhiex ħajja jew le tqajmet ukoll f'ittri li ġew mibgħuta mill-avukati tal-Imħallef Farrugia Sacco lill-Iskrivan tal-Kamra fil-15 ta' Jannar 2014 kif ukoll fis-27 ta' Jannar 2014, il-ġranet li fihom kienet skedata laqgħa tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra. Iż-żewġ ittri kienu jagħmlu referenza għall-mozzjoni msemmija.

Nikkwota mill-ewwel ittra tal-15 ta' Jannar:

> "Inoltre xtaqna nirrilevaw li, fil-fehma umli tagħna, li f'dan l-istadju l-mozzjoni ta' Dr Gonzi, wara l-Elezzjoni Ġenerali tad-9 ta' Marzu, 2013 u l-fatti kollha sussegwenti, ma għadhiex aktar fis-seħħ meta hemm Parlament ġdid b'mandat ġdid mill-poplu, bi Prim Ministru ġdid xort'oħra minn dak li qablu kien ressaq il-mozzjoni u meta Dr Gonzi ma għadux Membru tal-Kamra.

> Inoltre nitolbuk li ġġib għall-attenzjoni tal-iSpeaker li hemm Rikors Kostituzzjonali pendenti u li l-eżitu tiegħu jista' jimpinġi fuq id-deċiżjoni tal-Kummissjoni."

Se nikkwota wkoll mill-ittra li diġà għamilt riferenza għaliha, mibgħuta fis-27 ta' Jannar 2014:

> "Umilment xtaqna nsostnu li l-mozzjoni msemmija m'għadhiex aktar fis-seħħ, oltre għar-raġunijiet imsemmija preċedentement, għar-raġunijiet hawn taħt indikati, ossia:
>
> - b'referenza għall-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati artikoli 38 u 33;
> - għal dak li jintqal minn Erskine May Edizzjoni 21 pg. 314 para.7;
> - għar-ruling meħud minn Madame Speaker fl-24 ta' April 1997 pġ. 800;
> - għall-fatt li fil-każ tal-Maġistrat Peralta meta ġie xolt il-Parlament fl-1992 il-mozzjoni waqgħet wara li l-Onorevoli Dr Wenzu Mintoff ma baqax Membru tal-Parlament;
>
> Inoltre mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi sottomess li fil-każ tal-Imħallef Anton Depasquale il-proponent (ossija l-Onor. Dr E Fenech Adami) kien u baqa' membru Parlamentari bejn leġislatura u oħra."

Wara li sar dibattitu fuq dawn il-punti kemm fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra tal-15 ta' Jannar 2014 kif ukoll fil-laqgħa tas-27 ta' Jannar 2014, l-Onor. Mario De Marco xtaq li kull membru jkollu l-memorandum li kien għamel dak iż-żmien l-iSpeaker Lawrence Gonzi fit-22 ta' April 1996 fuq proċedura dwar mozzjoni

skont l-artikolu 97 subinċiż (2) tal-Kostituzzjoni. Hawnhekk se nikkwota minn dan is-subinċiż li jgħid:

> "Imħallef tal-Qrati Superjuri ma għandux jitneħħa mill-kariga tiegħu ħlief mill-President wara indirizz mill-Kamra tad-Deputati li jkollu favur tiegħu l-vot ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-Membri tagħha u li jitlob għal dik it-tneħħija minħabba inkapaċità ppruvata li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu (kemm jekk għall-mard korporali jew mentali jew għal xi raġuni oħra) jew imġiba ħażina ppruvata".

Dan id-dokument - qed ngħid għall-memorandum tal-iSpeaker Gonzi - ovvjament is-Sejda kienet ġà ratu sew u tqassam lil kull membru tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra fl-istess laqgħa, jiġifieri dik tal-bieraħ, is-27 ta' Jannar 2014.

L-Onor. Mario De Marco qed jenfasizza li dan il-memorandum għandu jwassal biex wieħed jiddeċiedi li din il-mozzjoni għadha ħajja fis-sens li tista' titressaq quddiem il-Parlament biex tiġi diskussa mill-Kamra skont l-istess artikolu 97 tal-Kostituzzjoni.

Fl-istess laqgħa tal-bieraħ tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra s-Sedja qrat ukoll il-parir legali li hi ottjeniet u dan wara li tat il-kelma lill-membri tal-istess Kumitat li hi kienet lesta li anke tgħid x'kien il-parir li għandha fuq dan il-punt biex il-membri tal-Kumitat ikunu jistgħu jaslu għal deċiżjoni dwar din il-mozzjoni. Wara li s-Sedja qrat il-parir dwar il-mozzjoni għar-rimozzjoni tal-Imħallef Dr Carmelo Farrugia Sacco xorta waħda ma kienx hemm qbil bejn il-membri tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra peress li kien hemm opinjonijiet differenti. Kien hawnhekk li l-Onor. De Marco baqa' jinsisti li s-Sedja tagħti ruling u miegħu ngħaqad ukoll l-Onor. David Agius.

Għaldaqstant is-Sedja qiegħda tagħti dan ir-ruling fl-ewwel opporunità li għandha, proprju llum, it-Tlieta, 28 ta' Jannar 2014, fil-bidu tas-seduta parlamentari.

Qabel xejn irid jingħad mill-ewwel li meta l-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, l-Onor. Lawrence Gonzi, ressaq din il-mozzjoni li fiha ppropona li:

> "Billi l-artikolu 97(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi "Imħallef tal-Qrati Superjuri ma għandux jitneħħa mill-kariga tiegħu ħlief mill-President wara indirizz mill-Kamra tad-Deputati li jkollu favur tiegħu l-vot ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-Membri tagħha u li jitlob għal dik it-tneħħija minħabba inkapaċità ppruvata li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu (kemm jekk għall-mard korporali jew mentali jew għal xi raġuni oħra) jew imġiba ħażina ppruvata";
>
> u billi l-Imħallef Dottor Lino Farrugia Sacco huwa Imħallef tal-Qrati Superjuri;
>
> u billi fis-7 ta' Awissu 2007 il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja informat lill-Imħallef Dottor Lino Farrugia Sacco li l-aġir tiegħu bħala President ta' Kumitat Olimpiku Malti kien jolqot il-fiduċja li għandu minħabba l-kariga tiegħu u li hu kien qed jonqos li jimxi skont il-Kodiċi tal-Etika għall-Ġudikanti;
>
> u billi l-istess Imħallef injora d-direzzjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u kompla jokkupa l-kariga ta' President ta' Kumitat Olimpiku Malti u dan bi vjolazzjoni kontinwa tal-Kodiċi tal-Etika għall-Ġudikanti;

u billi reċentement b'deċiżjoni datata 26 ta' Novembru 2012, il-Kummissjoni tal-Etika tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali iċċensurat aġir tal-istess Imħallef;

u billi dan kollu qed inaqqas mill-ġieħ u r-rispett dovut lill-Ġudikatura Maltija sabiex din tkun tista' twettaq il-funzjoni tagħha bħala pilastru fundamentali tad-demokrazija ta' pajjiżna;

u billi dan l-aġir imur kontra l-Kodiċi tal-Etika għall-Membri tal-Ġudikatura senjatament billi żamm kariga jew għamel kwalunkwe attività li fl-opinjoni tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja jista' jikkompromettі jew jippreġudika l-pożizzjoni jew il-funzjoni tiegħu ta' Ġudikant, li l-kondotta tiegħu ma kinitx konsistenti mal-kariga tiegħu u liema aġir jimpinġi fuq l-integrità u d-dinjità li huma prinċipji indipensabbli għal dan l-inkarigu u li din il-kondotta tqajjem dubju barra l-Qorti dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-kariga tiegħu ta' ġudikant, u dan skont kif rifless fil-klawsoli 9(d), 11 u 17 ta' dan l-istess Kodiċi;

u billi għalhekk jeżistu ċirkostanzi li jitolbu għat-tneħħija ta' dan l-istess Imħallef mill-kariga tiegħu ta' Membru tal-Ġudikatura minħabba inkapaċità li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu u/jew minħabba imġiba ħażina da parti tiegħu;

għalhekk din il-Kamra titolbok, Sur President, li tneħħi lill-imsemmi Imħallef Dottor Lino Farrugia Sacco mill-kariga tiegħu ta' Imħallef tal-Qrati Superjuri kif maħsub fil-provvediment imsemmi tal-Kostituzzjoni ta' Malta."

Iffirmata – Lawrence Gonzi, 15 ta' Diċembru 2012.

Fis-6 ta' Jannar 2014, is-Sedja preżenti rċeviet mingħand is-Segretarju tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja ittra li fiha jingħad, u nikkwota:

> "Il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tagħmel riferenza għall-ittra mibgħuta mill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati a tenur tal-artikolu 9(1) tal-Kapitolu 369, lill-President ta' Malta, bħala President tal-Kummissjoni, fil-15 ta' Diċembru 2012, rigward mozzjoni tal-Prim Ministru fuq l-Onor. Imħallef Dottor Carmelo Farrugia Sacco u qed tibgħatlek ir-rapport tagħha flimkien mad-dokumenti relattivi."

Kif jaf kulħadd, ir-rapport tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra mis-Sedja mal-ewwel opportunità u kull membru huwa konxju minn dan ir-rapport li fih 16-il paragrafu, liema rapport ġie ffirmat fis-6 ta' Jannar 2014 mill-Prim Imħallef Silvio Camilleri.

Il-punti li għandhom jiġu ndirizzati f'dan ir-ruling huma prinċipalment tlieta:

- jekk il-mozzjoni tistax tiġi mressqa;
- jekk peress li l-persuna li ressqet il-mozzjoni llum mhijiex membru parlamentari, tistax persuna oħra tressaq l-istess mozzjoni għan-nom tagħha; u
- jekk mozzjoni li tkun tressqet f'leġislatura, tistax tingħata ħajja f'leġislatura oħra wara li tkun seħħet elezzjoni ġenerali u kien hemm bdil fl-amministrazzjoni.

Is-Sedja se tidħol f'dawn it-tliet punti wieħed wara l-ieħor.

Fil-memorandum li kien sar mill-istess Lawrence Gonzi meta kien Speaker rigward proċedura dwar mozzjoni a tenur tal-artikolu 97 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, huwa

kien għamel referenza għal żewġ istanzi, waħda dwar każ wara li għaddiet liġi fl-Indja fl-1968 dwar mozzjoni għat-tneħħija ta' mħallef, u oħra dwar il-pożizzjoni Ingliża in kwantu jekk mozzjoni dwar l-*impeachment* ta' mħallef tistax tiġi għad-diskussjoni anke wara bdil fil-leġiżlatura.

Nibda biex nagħmel referenza b'mod immedjat għal dak li ġara fil-Parlament Indjan, magħruf bħala Lok Sabha, fejn il-pozizzjoni kienet li wara li saret l-investigazzjoni u l-Parlament ġie xolt, l-iSpeaker kien iddeċieda li mozzjoni ta' dik ix-xorta tibqa' żżomm il-validità tagħha. Però f'dan il-każ id-diskussjoni fuq il-mozzjoni kienet diġà bdiet u meta ġiet biex titkompla d-diskussjoni fuq il-mozzjoni fil-leġislatura ta' wara, uħud mill-proponenti oriġinali tal-mozzjoni (fil-każ tal-Indja jrid ikun hemm mhux inqas minn 100 membru li oriġinarjament jiffirmaw il-mozzjoni) kienu baqgħu membri fil-leġiżlatura ta' wara. F'dan il-każ il-pożizzjoni kienet differenti mill-każ tal-mozzjoni li għandna quddiemna. Is-Sedja ħadet nota wkoll tan-notamenti li rċeviet illum stess permezz ta' email mingħand l-Onor Mario De Marco fl-4.06pm fejn wara li ħadet konjizzjoni tal-kontenut tad-dokumenti, tinnota illi filwaqt li taħt il-pożizzjoni Indjana, fil-każ ta' tneħħija ta' mħallef, hemm liġi *ad hoc* li twassal biex mozzjoni għal tneħħija ta' imħallef tagħti wisa' biżżejjed illi:

> "No words of limitation that the motion shall be kept pending to usual effect of dissolution of the House can or should be imported"

mentri fil-każ tal-pożizzjoni Maltija l-Att XI tal-1994 dwar il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, huwa ċar u evidenti li dan l-Att ma huwa qed joħloq ebda regola speċjali għal din il-mozzjoni u li tali mozzjoni għandha titqies bħal mozzjonijiet oħra li jitressqu fil-Kamra. Il-mozzjoni li għandna quddiemna kienet ġiet ippreżentata mill-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, l-Onor. Lawrence Gonzi, ftit ġranet biss

qabel ma l-Parlament ġie xolt u prattikament allura ma seta' qatt ikun hemm diskussjoni fuqha. It-tieni punt hu li l-istess proponent, il-membru parlamentari li dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta' Prim Ministru, illum m'għadux prim ministru ta' Malta u lanqas għadu membru ta' dan il-Parlament.

Fil-każ imsemmi fil-memorandum tal-istess Speaker Gonzi u li jirrigwarda l-mozzjoni mressqa fil-Parlament Indjan, il-mozzjoni kienet bdiet tinstema' waqt leġiżlatura li sussegwentement ġiet xolta. Il-mozzjoni kompliet tiġi kkonsidrata mill-Parlament f'leġiżlatura ġdida. Sadattant, il-Qorti Suprema tal-Indja tat deċiżjoni fis-sens li mozzjoni għat-tneħħija tal-Imħallef ma kinitx tiskadi max-xoljiment tal-Lok Sabha. Dan dejjem wara li kienet bdiet tiġi diskussa fil-leġiżlatura ta' qabel kif diġà ngħad hawn fuq.

Fil-każ in eżami, qed jiġi dikjarat b'mod ċar il-fatti kif jirriżultaw. Il-mozzjoni qatt ma ġiet għad-diskussjoni quddiem il-Parlament, *stante* li l-Parlament kien ġie xolt ftit wara u peress li l-Kummissjoni kienet għadha ma kkonkludietx ix-xogħol tagħha. Kieku l-Kummissjoni kkonkludiet ir-rapport tagħha qabel l-elezzjoni ta' Marzu 2013, l-istess mozzjoni setgħet ġiet imressqa b'urġenza kif huwa previst fil-Kostituzzjoni.

Fid-diskussjoni li saret fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ssemma ħafna l-każ tal-ex Imħallef Anton Depasquale, fejn il-mozzjoni kienet tressqet f'leġiżlatura u d-diskussjoni dwarha saret fl-leġiżlatura li segwiet. Irid jingħad li f'dan il-każ, il-proponent tal-mozzjoni kien Dr Eddie Fenech Adami, dak iż-żmien Prim Ministru, li sussegwentement baqa' membru fil-Parlament fil-leġiżlatura li fiha saret id-diskussjoni u allura ma kienx hemm problema biex il-persuna li pproponiet il-mozzjoni oriġinali terġa' tressaq l-istess mozzjoni. F'dik il-mozzjoni ma kienx tqajjem il-punt dwar il-validità tal-istess mozzjoni. Dik il-mozzjoni kienet tressqet quddiem il-Kumitat Permanenti dwar ix-

Xogħol tal-Kamra li mingħajr ma ngħata ebda *ruling* f'dan is-sens, iddeċieda, u nikkwota mill-minuti tal-laqgħa numru 42 tal-4 ta' Lulju 2001, li:

> "Il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali ressaq mozzjoni formali fis-sens li:
>
> (a) fis-seduta ta' filgħaxija ta' nhar l-Erbgħa, 11 ta' Lulju, 2001, wara l-ħin tal-mistoqsijiet, il-Prim Ministru jressaq u jintroduċi l-mozzjoni dwar it-tneħħija ta' mħallef; ikun hemm ħin għal intervent mill-Oppożizzjoni u wara d-diskussjoni fuq il-mozzjoni tiġi sospiża u aġġornata għal seduta oħra li tiġi stabbilita aktar tard, bil-Kamra tgħaddi minnufih għall-Ordnijiet tal-Ġurnata;
>
> (b) Mr Speaker jiġi inkarigat mill-Kamra jikkomunika mal-Imħallef Anton Depasquale, jgħaddilu t-traskrizzjoni tad-diskussjoni fuq il-mozzjoni u jitolbu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu dwar jekk jixtieqx iressaq il-każ tiegħu jew f'seduta tal-Parlament jew inkella f'kumitat li jista' jiġi delegat mill-Parlament stess biex jisma' l-każ, skont proċedura li tkun trid tiġi stabbilita; u
>
> (c) li sussegwentement issir laqgħa oħra tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra sabiex jisma' r-reazzjoni tal-Imħallef Depasquale u jiddeċiedi x'għandu jsir.
>
> Il-mozzjoni ġiet approvata."

Kif inhi l-prassi, is-Sedja tara kif ġew deċiżi każijiet simili fil-House of Commons, kif ukoll il-proċedura li dejjem ġiet segwita fil-Commonwealth. Għandu jiġi rilevat li fil-House of Commons, l-Ingilterra, dejjem ġie deċiż li wara li jkun hemm *prorogation*, jiġifieri jkun

hemm sospensjoni bejn sessjoni u oħra fil-leġiżlatura tal-Parlament, ix-xogħol tal-Kamra jaqa' kollu ħlief fil-każ ta' mozzjoni dwar *impeachment.* Dan dejjem japplika fejn ikun hemm sospensjoni bejn sessjoni u oħra, proċedura li fil-Parlament Malti mhijiex segwita għaliex fil-każ tagħna, bħalma ġara wara l-waqfa tal-Milied, ix-xogħol jibqa' għaddej. Fil-House of Commons qatt ma kien hemm każ fejn mozzjoni ta' *impeachment* telgħet minn leġiżlatura għal oħra; l-eċċezzjoni ssir biss bejn sessjoni u oħra. M'hemm ebda ġurisprudenza u pożizzjoni proċedurali parlamentari għal mozzjoni bejn leġiżlatura u oħra.

Fil-każ in eżami dwar il-mozzjoni mressqa fit-12 ta' Diċembru 2012, punt li rridu niċċaraw huwa jekk din il-mozzjoni tibqax valida bejn leġiżlatura u oħra.

Proprju l-ġimgħa l-oħra din is-Sedja attendiet għall-Konferenza tal-iSpeakers tal-Commonwealth li ssir kull sentejn, fejn apparti l-interventi li għamlet waqt il-Konferenza, is-Sedja flimkien mal-Iskrivan tal-Kamra kellha wkoll l-opportunità li tiddiskuti l-kwestjoni tal-mozzjoni dwar *impeachment* f'seduta partikolari fil-Parlament Awstraljan ta' New South Wales mal-Whip tal-Gvern tal-Kunsill Leġiżlattiv u mal-iskrivani tal-Kamra tal-Kunsill u tal-Assemblea Leġiżlattiva. Hemmhekk ġie dikjarat b'mod ċar li mozzjoni – hi x'inhi, inkluż dik ta' *impeachment* – ladarba qatt ma tkun ġiet diskussa f'leġiżlatura partikolari, ma tistax tibqa' ħajja f'leġiżlatura ta' wara. Din il-pożizzjoni hija *minuted* fir-rapport dwar il-parteċipazzjoni tas-Sedja fil-Konferenza msemmija, liema rapport jien qegħidt fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduta tal-bieraħ, 27 ta' Jannar 2014.

Is-Sedja mhijiex se toqgħod tidħol fil-kwestjoni dwar għaliex il-mozzjoni tal-Onor. Lawrence Gonzi ġiet ippreżentata fil-15 ta' Diċembru 2012, ftit ġranet qabel ma ġie xolt il-Parlament u dan anke meta l-istess Prim Ministru kien diġà infurmat mill-istess Kummissjoni snin qabel bil-każ tal-Imħallef Lino Farrugia Sacco. Din hija xi ħaġa li s-

Sedja ma tħossx li għandha tidħol fiha u tikkummenta dwarha. Però s-Sedja issa se tidħol fil-punti li diġà tqajmu biex tkun tista' tasal għad-deċiżjoni tagħha.

Irid jiġi enfasizzat mill-ewwel li l-mozzjoni għat-tneħħija ta' mħallef mill-kariga tiegħu għandha implikazzjonijiet kostituzzjonali serji u għalhekk huwa neċessarju, jekk mhux ukoll imperattiv, li l-liġi fir-rigward trid tiġi segwita b'mod rigoruż u preċiż. Kif ġà ġie indikat, l-artikolu 97 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li mħallef jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu:

> "mill-President wara indirizz mill-Kamra tad-Deputati li jkollu favur tiegħu l-vot ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-Membri tagħha u li jitlob għal dik it-tneħħija minħabba inkapaċità ppruvata li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu (kemm jekk għall-mard korporali jew mentali jew għal xi raġuni oħra) jew imġiba ħażina ppruvata".

Għalhekk il-Kostituzzjoni ma tiddixiplinax b'mod partikolari din il-mozzjoni imma tħalliha, fl-assenza ta' dispożizzjoni speċifika, biex tiġi regolata skont il-proċedura tal-Kamra. Fis-subartikolu (3) tal-istess artikolu jingħad li, u nikkwota:

> "Il-Parlament jista' b'liġi jirregola l-proċedura għall-preżentata ta' indirizz u għall-investigazzjoni u prova dwar l-inkapaċità jew imġiba ħażina ta' mħallef tal-Qrati Superjuri skont id-disposizzjonijiet tal-aħħar subartikolu qabel dan."

Is-Sedja nnotat li fil-fatt għal ħafna snin din il-proċedura ma kinitx speċifikament regolata. Wieħed jinnota li dan ġie kollu regolat b'Att XI tal-1994, magħruf aħjar bħala l-Att dwar il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Irid jingħad li dan l-Att iżjed jirregola l-proċedura li għandha tiġi segwita quddiem l-istess Kummissjoni u allura

r-rapport li għandu jsir mill-istess Kummissjoni meta jkun hemm mozzjoni għat-tneħħija ta' mħallef mill-kariga tiegħu. Però l-istess Att ma jirregolax il-proċedura quddiem il-Parlament, ħlief fis-sens li mozzjoni ma tistax timxi 'l quddiem jekk ma jkunx hemm qabel il-parir favorevoli għall-mozzjoni tal-Kummissjoni. L-Att jgħid li wara li l-Kummissjoni tagħti l-parir favorevoli l-mozzjoni tiġi mbagħad diskussa u deċiża mill-Kamra. Għalhekk huwa evidenti li l-Att ma huwa qiegħed joħloq l-ebda regola speċjali għal din il-mozzjoni u li din il-mozzjoni għandha titqies bħal mozzjonjiiet oħra li jitressqu fil-Kamra.

Is-Sedja tinnota wkoll li huwa sinjifikattiv ħafna li l-istess liġi li tikkontempla li l-membru il jkun ressaq il-mozzjoni jkun jista' jattendi l-laqgħat tal-Kummissjoni u jkun jista' jkun assistit minn avukat magħżul minnu. Mingħajr ma nidħlu fid-dettall ta' dan, is-Sedja rat li dan ġara anke fil-każ preżenti għaliex il-membru ddelega lill-avukat tiegħu biex jattendi l-laqgħat tal-Kummissjoni. Għalhekk huwa evidenti li fil-liġi hemm irbit tal-mozzjoni mal-membru. Issa wieħed irid jara wkoll il-pożizzjoni tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra li ġà ssemmew, fosthom Ordni Permanenti 38, fejn jingħad li l-membru tal-Kamra li jkun ressaq mozzjoni jrid ikun preżenti meta din tiġi biex tkun diskussa, u jekk huwa ma jkunx preżenti jrid ikun hemm membru delegat minn dak il-membru biex iressaq dik il-mozzjoni. Barra minn hekk, wieħed irid jinnota – u s-Sedja se tagħmel enfasi fuq dan – il-fatt li hija l-prassi tal-Parlament Ingliż li max-xoljiment jew proroga ta' Parlament il-mozzjonijiet kollha jispiċċaw. Fil-każ preżenti mhux biss wara li saret il-mozzjoni inkwestjoni il-Parlament kien ġie xolt, imma l-membru tal-Parlament li kien ressaq dik il-mozzjoni, l-Onor. Lawrence Gonzi, ma għadux membru ta' dan il-Parlament.

Għaldaqstant hemm żewġ fatturi neqsin biex mozzjoni b'xi mod tiġi salvata: in-nuqqas tal-istess membru parlamentari biex jerġa' jattiva l-istess mozzjoni, u l-fatt li l-mozzjoni qatt ma ġiet għad-diskussjoni. F'dan l-istadju huwa importanti li wieħed jiddistingwi l-

każ minn fejn ingħata *ruling* li din il-mozzjoni ma kellhiex għalfejn tiġġedded minn sessjoni għal oħra. Dan naturalment huwa rifless loġiku ta' dak li jiddisponi Ordni Permanenti tal-Kamra 42 marbut ma' Ordni Permanenti 34. Fil-każ fejn kien ingħata dak ir-*ruling* ma kienx intervjena x-xoljiment tal-Kamra. Naturalment fil-każ tal-Imħallef Depasquale kien intervjena x-xoljiment tal-Kamra imma l-membru li kien ressaq il-mozzjoni kien reġa' ġie elett membru tal-Kamra – kif ġà semmejt, dak iż-żmien kien Dr Eddie Fenech Adami - li kien baqa' membru tal-Kamra u kien għadu membru meta ġiet biex tiġi dibattuta l-mozzjoni. Għalhekk ċertament li ċ-ċirkostanzi assolutament mhumiex komparabbli. Inoltre qatt ma kien hemm deċiżjoni ċara formali tas-Sedja fil-każ simili u ċertament li lanqas kien hemm fil-każ tal-Imħallef Depasquale għaliex id-deċiżjoni kienet ittieħdet, kif ġà saret referenza f'dan ir-*ruling*, fil-laqgħa tal-4 ta' Lulju 2001 tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

Għalhekk is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li din il-mozzjoni llum hija waħda mejta. Wieħed ċertament jifhem l-ispirtu tal-pożizzjoni kemm tal-Oppożizzjoni kif ukoll tal-Gvern, li ma jkunx desiderabbli li materja tiġi regolata b'dak il-mod li ma jkunx imsejjes fuq liġi jew proċedura parlamentari ċara li f'dan il-każ hija nieqsa. U żgur li s-Sedja, fin-nuqqas ta' emenda fil-liġi jew tal-istess Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, ma hix il-funzjoni li nidħol fuq ir-raġuni tal-istess nuqqas. Naturalment il-Kamra tista' bi qbil tirriavviva l-mozzjoni imma tali proċedura tkun ekwivalenti għall-introduzzjoni ta' mozzjoni ġdida u tkun tirrikjedi li l-proċedura kontemplata mil-liġi terġa' tiġi mill-ġdid segwita.

Għalhekk il-pożizzjoni tas-Sedja hija li trid tiġi introdotta mozzjoni ġdida li timxi taħt l-istess provvediment tal-artikolu 97 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Referenzi**


1. Kostituzzjoni ta' Malta l-artikolu 97 (2), et sequentes.

2. Kap. 113, Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati.

3. Minuti tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra (id-Disa' Parlament, Laqgħa 41 - 25/06/2001, Laqgħa 42 - 05/07/2001 u Laqgħa 43 - 20/07/2001 u t-Tnax il-Parlament Laqgħa 13 - 15/01/2014)

4. Ordnijiet Permanenti tal-Kamra

5. Memo dwar Proċedura dwar Mozzjoni skont l-artikolu 97 (2) tal-Kostituzzjoni datat 22/04/1996 mill-iSpeaker Lawrence Gonzi

6. *Erskine May: Parliamentary Practice 2012 Edition*, p. 145

7. John Hatsell 335. The statute 45, 2003, chapter 117, permitted the continuation of proceedings in the House of Lords against Mr Justice Fox on the prerogation

8. Parliament of Canada, *House of Commons Procedure and Practice 2000 Edition*. Robert Marleau and Camille Montpetit
   a) The Parliamentary Cycle

9. Minutes taken during meeting at the NSW Parliament between Speaker Anglu Farrugia and Members of the Congress and Senate of the NSW Parliament on the 20/01/2014

10. E-mail mibgħuta mill-Onor Mario Demarco fit-29 ta' Jannar 2014 fl-4.06pm konsistenti f'seba' paġni dwar ġurisdizzjoni mill-Qorti Suprema tal-Indja numerati paġni 34-40.

11. Deċiżjoni dwar impeachment ta' mħallef mill-Parlament Indjan kif diskuss mis-Segretarju Ġenerali tar-Rajya Sabha tal-Indja.